MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 70/2011

**Joseph Bugeja**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ressaq ir-rikorrent fit-3 ta’ Novembru 2011, li jaqra hekk:

Permezz ta’ att t’akkuza datat 7 ta’ Frar 2003, l-esponenti gie akkuzat bi ksur (1) tal-Artikolu 62 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (k) tal-Ordinanza tad-Dwana, (2) Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, (3) Artikolu 12(3) tal-Avviz Legali numru 146/1993, (4) Artikolu 12(2) tal-Avviz Legali numru 146/1993, (5) Artikolu 16(a) tal-Avviz Legali numru

146/1993, (6) Artikolu 25(1)(a) tal-Avviz Legali numru 146/1993, (7) Artikolu 25(1)(b) tal-Avviz Legali numru 146/1993, (8) Artikolu 25(1)(c), (9) Artikolu 25(1)(d) tal-Avviz Legali numru 146/1993, (10) Artikolu 6(1) u 9(1) tal-Avviz Legali 19/1992, (11) L-Artikolu 6(2) tal-Avviz Legali numru 19/1992, (12) Artikolu 7(3) tal-Avviz Legali numru 19/1992, (13) Artikolu 8 tal-Avviz Legali numru 19/1992, (14) Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439, (15) Artikolu 8(3) tal-Kapitoli 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, (16) Artikolu 48(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u (17) L-Artikoli 115 u 121(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Permezz ta’ sentenza datata 23 ta’ April 2009, il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, ikkundannat lill-esponenti sena prigunerija sospiza ghall-perjodu ta’ sentejn u multa ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500), u dan wara illi sabitu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7), it-tmien (8), id-disa’ (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13) u s-sbatax (17)-il akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabet lill-esponenti hati tal-akkuzi msemmija ghaliex il-Qorti hasset illi ma kienx hemm dubju illi “*il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat meta huwa rilaxxja l-istqarrija hija dik li tirrifletti l-verita’...*”.

Jirrizulta mill-atti processwali illi l-esponenti ma kienx gie moghti d-dritt illi jikkonsulta ma’ avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija a bazi ta’ liema huwa nstab hati tal-akkuzi hawn fuq imsemmija.

Inoltre, jirrizulta ukoll mill-atti processwali illi l-esponenti kkontesta l-verzjoni tal-fatti illi hemm imnizzla fl-istqarrija waqt illi kien qieghed jixhed bil-gurament quddiem il-Qorti, u kemm-il darba qal illi l-verzjoni tal-fatti hekk kif kienet tidher fuq l-istqarrija pprezentata fl-atti processwali ma kinitx tirrispekkja l-verzjoni illi hu kien ta waqt l-interrogazzjoni. Fil-fatt, l-esponenti ma jafx jaqra u jikteb u ghalhekk qatt ma seta’ jivverifika bic-cert illi l-kontenut tal-

istqarrija kien verament jirrifletti dak li huwa kien qal waqt l-interrogazzjoni.

Nonostante li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani, prima facie ma jidhirx illi jaghti lill-akkuzat, dritt ghall-avukat meta jigi arrestat mill-Pulizija fuq suspett illi jkun ikkommetta xi reat, il-Qorti ta’ Strasbourg, f’diversi kazijiet irrikonoxxiet, bhala dritt fundamentali, l-access ghall-avukat fl-istadji inizjali ta’ procedura kriminali kontra tieghu, liema dritt jaghmel parti mid-dritt ghal smiegh xieraq minhabba illi gie meqjus bhala parti krucjali mill-preparazzjoni tad-difiza.

Skond il-gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg, il-Konvenzjoni m’hijiex intiza biex tiggarantixxi drittijiet illi huma teoretici jew illuzorji biss, izda biex tiggarantixxi drittijiet li huma prattici u effettivi, u hekk kif intqal fil-kaz ta’ **Artico v. Italy** “*this is particularly so of the rights of the defence in view of* ***the prominent place held in a democratic society by the right to a fair trial*** (enfazi tal-esponenti) *from which they derive*”.

Id-dritt ghall-access ghall-avukat qabel ma ssir l-interrogazzjoni mill-pulizija huwa ta’ importanza fundamentali, u fil-fatt dan id-dritt ghandu rwol krucjali fil-garanzija tad-drittijiet l-ohra kollha illi jgawdi minnhom kull akkuzat taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hafna minn dawn id-drittijiet ftit li xejn ikollhom importanza ghall-persuna ordinarja li tkun tinsab akkuzata jew suspettat li kkomettiet xi reat minghajr l-ghajnuna ta’ avukat biex jipprotegi d-drittijiet taghha. Minghajr assistenza legali, akkuzat ma jkunx f’pozizzjoni li jipprotegi lilu nnifsu minn abbuzi kommessi minn xi organu tal-istat li jistghu jkollhom impatt negattiv fuq id-difiza tieghu u d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Skond il-gurisprudenza recenti tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana, in-nuqqas ta’ assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni jammonta ghal lezjoni tad-drittijiet tal-akkuzat, u dan in linea mal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. A skans ta’ ripetizzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin**

**Privitera** kienet tal-fehma illi "*n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jistghu jippregudikaw id-dritt ta' persuna akkuzata irrimedjabilment*". Din kienet il-linja illi ttiehdet ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) vs Erson Pullicino** u **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi**.

Fil-kazijiet tal-Qorti Ewropea illi minnhom huma derivanti s-sentenzi Kostituzzjonali hawn fuq imsemmija jenfasizzaw illi "*The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction*". Dawn l-incriminating statements, fil-fatt, saru mill-esponenti fl-istqarrijiet tieghu, minghajr ma huwa kellu c-cans illi jkellem avukat qabel gie interrogat mill-Pulizija.

Ghalhekk, dan imur kontra wiehed mill-ghanijiet principali tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u cioe' "*equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused... ... At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that state of the proceedings... ... In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself*".

Il-fatt li fi zmien meta saret din l-istqarrija, kien hawn assenza ta' ligi li taghti dritt ta' access ghall-avukat mill-mument li persuna tigi arrestata mill-pulizija m'hijiex cirkostanza li timmilita favur il-prosekuzzjoni. Fil-fatt, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza citata **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** irrilevat illi "*huwa iktar serju fid-dawl tal-kazi citati mill-Qorti Ewropea fejn fil-pajjizi relattivi kien jezisti almenu tali dritt izda b'restrizzjonijiet ghall-kazijiet specifici li l-Qorti Ewropea fil-kazijiet partikolari hasset li kienu mhux sufficcjenti: multo magis f'dan il-kaz meta qabel l-emendi msemmija ma kien jezisti l-ebda dritt ta' access ghall-avukat ghal xejn u allura s-sitwazzjoni kienet izjed serja u pregudikanti ghal kull persuna arrestata*".

Skond **Cadder (Appellant) v. Her Majesty's Advocate (Respondent)** (Scotland) [2010] EKSC 43 "*The Court should follow any clear and constant jurisprudence of the Strasbourg Court... ... when faced with a unanimous decision of the Grand Chamber, this was, in itself a formidable reason for following it. Salduz is a decision of the Grand Chamber, now firmly established in the European Court of Human Rights case law...*" hekk kif kwotat mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana f'Il-Pulizija vs Mark Lombardi. Fir-rigward ta' din il-kwotazzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali kkummentat ukoll illi "*ghalkemm effettivament, id-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg jorbtu lill-Gvern mhux lill-Qorti. ... meta Qorti tkun qed titratta kawza dwar drittijiet tal-bniedem, hi ghandha tinterpreta l-Ligi f'dan il-kaz konformament mal-artikoli tal-Konvenzjoni*".

Hawnhekk jigi umilment sottolineat illi r-rikorrenti kien anke staqsa lill-pulizija sabiex jaghtuh cans jitkellem mal-konsulent legali tieghu, izda huwa xorta wahda gie mcahhad milli jezercita dan id-dritt, u ghalhekk il-lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq tirrizulta m'mod lampanti.

Ghalhekk isegwi, fl-umli opinjoni tal-esponenti illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu hija cara u manifesta. Dan specjalment meta l-esponenti ma kienx jaf jikteb u jaqra, fatt illi kien maghruf mill-pulizija, u ghalhekk kif f'pozizzjoni hafna zvantaggata, liema fatt jilledi l-principju ta' 'equality of arms' illi fuqu jiddependi smiegh xieraq hekk kif interpretat mill-Qrati nostrana u Ewropej.

Stante illi l-esponenti ma nghatax il-jedd li jikkomunika ma' avukat ta' fiducja tieghu u ghalhekk huwa inkrimina ruhu ingustament u kellu l-process tieghu kompromess sa mill-bidu, huwa ma kellux u ma setax ikollu smiegh xieraq kif garantit fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li l-process gudizzjarju li gie sottomess ghalih l-esponent u s-sentenza konsegwenzjali jigu dikjarati nulli b’tali mod li d-drittijiet tal-esponent jigu ristitwiti *in integrum* u dan anke in linea ma’ sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Talab l-attur jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tordna r-*restituzio in integrum* u dan billi tannulla l-process kriminali koncernanti u s-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponenti fit-23 ta’ April 2009;

Takkorda kumpens xieraq lill-esponent minhabba fil-pregudizzju minnu soffert ghar-ragunijiet fuq premessi.

Taghti dawk il-provvedimenti xierqa sabiex jigu mharsa d-drittijiet tal-esponent.

Bl-ispejjez tal-istanza kollha kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat, li in forza taghha eccepixxa illi:

Il-lanjanza tar-rikorrent hija impernijata fuq il-fatt illi fl-istadju bikri tal-investigazzjoni u cioe’ fil-mument meta l-imputat irrilaxxa l-istqarrija fil-15 ta’ Novembru 2002, l-istess imputat ma kienx assistit minn avukat.

1. In linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur fic-cirkostanzi odjerni, ghandhom jigu michuda peress li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

2. In linea preliminari, ikun opportun li jigu allegati l-atti tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha l-isvolgiment tal-istess proceduri;

3. In linea preliminari ukoll, jirrizulta li r-rikorrent lanqas ma ezawrixxa r-rimedji ordinarji konsistenti f'appell mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali jekk deherlu li l-istqarrija kienet irregolari u/jew jekk deherlu li ma kellux jinsab hati u issa biss li l-proceduri Kriminali fil-konfront tieghu huma *res judicata* huwa ghogbu jqajjem din il-lanjanza. Fil-fatt, wara ghaxar snin minn tali stqarrija u issa wara li l-proceduri kontrih ilhom *res judicata* ghal iktar minn sentejn u nofs, ir-rikorrent ghazel li jattakka l-imsemmija stqarrija ghax allegatament ittiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju fir-rigward tal-mertu, minn imkien ma gie allegat u minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent gie b'xi mod imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Huwa nghata t-twissija skond il-ligi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta' jingieb bi prova kontrih. L-esponent jissottometti ukoll li, minkejja illi nghatat dina t-twissija, ir-rikorrent volontarjament u liberament ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu. Dan juri li r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Tant hu hekk li wara li l-Ispetturi koncernati staqsew lir-rikorrent jekk riedx izid xi haga ohra mal-istqarrija ta' ammissjoni tieghu, huwa minn jeddu zied jghid illi: "*Jiena l-verita' qed nghid u jiddispjacini dak kollu li ghamilt u l-inkonvenjenza li qlajt*", imbaghad ghadda biex qara, ikkonferma l-korrettezza tal-kontenut u ffirma l-istess stqarrija.

5. Bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-hinijiet li ttehditlu l-istqarrija m'huwiex konsegwenza awtomatika tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, aktar u aktar meta kien hemm provi inkriminanti ohra a sodisfazzjon tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li kkorraboraw it-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-htija tal-imputat. Fil-fatt, il-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-proceduri Kriminali li kkorraboraw il-fatti kif dikjarati fl-istqarrija in kwistjoni, kienu jikkonsistu f'seba' bagalji mimlija fkieren, xadini,

pappagalli u ghasafar varji li r-rikorrent inqabad, fil-fatt jipprova johroghom klandestinament mill-ajruport meta kien impjegat mal-kumpanija Airmalta bhala *loader*. Inoltre, mill-istess titjira instabu zewg bagalji ohra li kien fihom zewg criev u ghasafar varji li r-rikorrent kien ghadu ma gabarhomx ghax inqabad *in flagrante*. F'dan ir-rigward, hemm ix-xhieda tal-Maggur Ian Ruggier; tal-ufficjali tas-Sigurta' tal-Ajruport; ufficjali tal-Forzi Armati ta' Malta li kienu qed jissorveljaw mill-*Control Room* it-titjira li kienet waslet minn Tripoli; l-ufficjali tad-Dwana koncernati; l-*Assistant Supervisor* tal-Airmalta; il-Kaptan tat-titjira; l-Ufficjali tal-Pulizija li investigaw il-kaz, ufficjali mid-Dipartiment tal-VAT u ufficjali tal-MEPA; apparti l-esperti inkarigati fl-Inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar.

Ghalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrent ma tistax tittiehed wahedha u barra mill-kuntest tal-proceduri kollha fit-totalita' taghhom u sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq f'dan il-kaz partikolari, hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali tar-rikorrent fl-interezza tieghu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proceduri li jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. Fil-fatt, dan il-punt kien gie stabbilit mill-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet *Imbroscia v Switzerland*, fejn il-Qorti pprovdiet li:

"*The manner in which article 6(1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.*"

6. Kemm mill-premess, kif ukoll mill-atti processwali huwa manifest illi d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament id-dritt li jinghata assistenza legali fl-istadju tar-rilaxx tal-istqarrija, ma giex perikolat tul il-proceduri kollha.

7. Id-decizjonijiet ikkwotati mir-rikorrent kienu jirreferu ghall-proceduri kriminali pendenti, filwaqt illi c-cirkostanzi

in ezami jirreferu ghall-proceduri li huma *res judicata* fejn kien hemm provi ohra sufficjenti inkriminanti li kkorraboraw il-fatti kif ammessi mir-rikorrenti fl-istess stqarrija u ghalhekk, anke minghajr l-istess stqarrija, il-Prosekuzzjoni jidher li kellha kaz sod kontra r-rikorrent. Inoltre, kull meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u rriteniet illi, jekk eventwalment, il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponent jirrileva li certament mhux il-kaz li l-Qorti Ewropea rriteniet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament, dik il-persuna soffriet ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq;

8. Inoltre, il-kazijiet li jaghmel referenza ghalihom ir-rikorrent kienu ferm differenti mill-kaz odjern. Fil-kaz *Salduz v Turkey*, Salduz kien minorenni fiz-zmien tal-kaz u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament hazin waqt l-interrogazzjoni u allegazzjoni li l-istqarrija nghatat meta kien imgieghel. Illi l-istess ghandu jinghad ghall-kazijiet tal-Qorti Ewropea kkwotati mir-rikorrent, li lkoll kellhom cirkostanzi ben diversi minn dawk odjerni;

9. Finalment, *dato ma non concesso* li gew lezi d-drittijiet sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponent jissottometti li r-rimedju mitlub ta' *restituzio in integrum* bil-konsegwenza tal-annullament tal-process kriminali u tas-sentenza tat-23 ta' April 2009 moghtija fil-konfront tar-rikorrent mhux gustifikat, tenut kont tal-fatt li kien hemm provi sostanzjali ohra li jorbtu lir-rikorrent li inqabad jikkommetti r-reati li gie akkuzat bihom *in flagrante*. Ghaldaqstant, is-sejba ta' htija ma kinitx bazata unikament fuq l-istqarrija li rrilaxxa r-rikorrent, izda fuq provi ohra li kkorraboraw il-fatti kif rilaxxati mir-rikorrent fl-istqarrija tieghu, li lkoll waslu lill-Ewwel Onorabbli Qorti tqis bhala evidenti l-involviment tieghu fir-reati li kien akkuzat bihom. In sostenn tal-pozizzjoni tal-esponent, huwa jirreferi ghas-sentenza tal-

Ewwel Onorabbli Qorti deciza fl-14 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet *Simon Xuereb v L-Avukat Generali*.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jissottometti li t-talbiet kif dedotti fir-rikors in risposta, m'ghandhomx jigu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza u s-sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2009, fil-konfront tar-rikorrent (kaz numru 149/03);

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi b'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jipprova jwaqqa' sentenza ta' htija li nghatat fil-konfront tieghu peress li jghid li din kienet principalment ibbazata fuq stqarrija tieghu li ta bla assistenza ta' avukat. Hu jissottometti illi recentement il-Qorti Kostituzzjonali affermat li t-tehid ta' stqarrija minghajr assistenza legali jivvjola d-dritt fondamentali tal-persuna ghal smiegh xieraq u allura sentenza bbazata fuq tali stqarrija ghandha titqies nulla peress li tkun ibbazata fuq prova inammissibbli.

Din il-Qorti hi konxja tal-fatt li recentement, il-Qorti Kostituzzjonali affermat il-principju li meta tittiehed stqarrija ta' persuna li tkun investigata b'xi reat u dan meta dik il-persuna ma jkollhiex il-possibilita' li tikseb ghajnuna legali, ikunu gew lezi d-drittijiet taghha ta' smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea – ara "Il-Pulizija vs. Lombardi", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April

2011, u 'Il-Pulizija vs. Pullicino', deciza mill-istess Qorti fl-istess jum.

Issa, f'dan il-kaz jidher li stqarrija li ghamel ir-rikorrent, u li fiha ammetta l-involviment tieghu fir-reati li kien akkuzat bihom, ittiehdet fiz-zmien meta ma kellux dritt jitlob assistenza ta' avukat. Ic-cirkostanzi li waslu ghat-tehid tal-istqarrija mhux rilevanti ghax, bhala fatt, din ittiehdet meta l-akkuzat ma kienx assistit mil-legali ta' fiducja tieghu. Dan ma jfissirx, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrent huma nulli. Dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet principali.

Fl-ewwel lok, id-dritt ta' avukat ma nholoqx bis-sentenzi ricenti li taw il-Qorti Kostituzzjonali. Dan id-dritt kien jezisti fiz-zmien li ttiehdu l-proceduri kriminali, meritu ta' din il-kawza kontra r-rikorrent, u jekk dan tal-ahhar ma invokax dak id-dritt fiz-zmien opportun, ma jistax issa, kwazi sentejn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), jinvoka dan id-dritt. Ir-rikorrent, wara li rrilaxxja l-istqarrija, kellu kull opportunita' jikkontesta l-istess quddiem dik il-Qorti. Hu ilmenta biss li l-istqarrija ma tirrispekkjax il-verita', u tela' jixhed biex jaghti verzjoni ohra li, skond hu, kienet tirrispekkja dak li fil-fatt gara. Fl-ebda stadju, pero', ma qal li hu kien gie mgieghel jiffirma l-istqarrija jew li, meta ittiehdet dik l-istqarrija, inkissrulu l-libertajiet fundamentali tieghu. Inoltre, wara li nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, ir-rikorrenti ma appellax mis-sentenza, u naqas milli juzufruwixxi ruhu mill-opportunita' illi jissoleva dan l-aggravju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Oltre dan, u fit-tieni lok, is-sejbien ta' htija u l-piena ma kinitx, f'dan il-kaz, ibbazata biss fuq dak li qal ir-rikorrent fl-istqarrija tieghu. Fl-atti hemm ix-xhieda ta' Stanley Gatt li kien spezzjona l-bagalji in kwistjoni, u stabbilixxa li fihom kien hemm diversi ghasafar tal-ghana, fkieren, pappagalli, xadini u anke criev. Saret il-prova li uhud minn dawn l-annimali huma protetti bil-ligi, u ohrajn setghu biss ikunu importati bi procedura stabbilita fil-ligi li ma gietx segwita f'dan il-kaz. Dwar l-involviment tar-rikorrent fil-kaz, il-Qorti kellha quddiemha, ix-xhieda ta' diversi persuni li qabdu lir-

rikorrent *in flagrante*. Il-Qorti, fil-fatt, ghamlet din l-osservazzjoni dwar din il-prova:

"*Il-Maggur Ian Ruggier li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2005 qal li fid-data in kwistjoni huwa kien mar l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex jaghmel spot checks in kwantu jirrigwarda t-titjira KM 697 li kienet ser tasal minn Tripoli u waqt li kien fil-control room tal-AFM gewwa l-Ajruport flimkien mal-Manager tal-Airport Security Mario Bugeja, mal-Assistant Manager Airport Security Victor Cassar, mal-Bumbardier Eugenio Lombardi u l-Gunner Alex Bugeja u huma kienu qed iharsu fuq il-monitors osservaw lil-loaders ihottu l-bagalji mill-hold tal-ajruplan ghal fuq trolleys, it-trolleys imbaghad ittiehdu gewwa t-tunnel u l-bagalji bdew jitpoggew fuq il-conveyor belt. Il-Maggur Ruggier qal li huwa osserva lill-imputat ipoggi bagalja fuq trolley minflok fuq il-conveyor belt u qal li ra membru tal-Customs Drug Squad li ukoll kien hdejn il-conveyor belt jigbed l-attenzjoni tal-imputat dwar din il-bagalja u jghidlu sabiex jitfa' l-bagalja fuq il-conveyor belt. Il-Maggur Ruggier qal li osserva ukoll li meta l-membru tal-Customs Drug Squad telaq minn fuq il-post, l-imputat rega' qabad tlett bagalji li kien pogga fuq il-conveyor belt u rega' qeghedhom fuq it-trolley u osserva lill-imputat isuq it-tractor li mieghu kien hemm aggancjat it-trolley sa hdejn il-kamra tas-supervisor. L-imputat imbaghad qabad tlett bagalji minn fuq it-trolley u tefaghhom gewwa vann abjad bin-numru tar-registrazzjoni RRS 334 li kien parkeggjat faccata tal-kamra tas-supervisor. Il-Maggur Ruggier spjega li l-kwalita' tar-recording tal-cameras kien hazin u ghal din ir-raguni, it-tape relattiv ma setghax jigi prezentat lill-Pulizija.*

*Dawn il-fatti gew korroborati permezz tax-xhieda tal-Gunner Alex Bugeja li xehed fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2004, kif ukoll mill-Bombardier Eugenio Lombardi (xhieda relattiva inserita a fol. 206 u 207 tal-process), minn Mario Bugeja (xhieda inserita a fol. 218 sa 220) u minn Victor Cassar (xhieda inserita a fol. 224 u 225).*

*Fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2004, xehed il-Customs Officer Francis Micallef li kkonferma li fuq il-flight in kwistjoni, u*

*cioe’ KM697 li gie minn Tripoli, ma kienx hemm dikjarat ebda cargo, lanqas ‘cargo accompanied’.*”

Il-Qorti, imbaghad, ghamlet referenza ghall-istqarrija tar-rikorrent u ghad-depozizzjoni tieghu fl-awla. Il-Qorti osservat li l-istqarrija li ta “tirrifletti l-verita’”, pero’, dan ma jfissirx li hi strahet kompletament fuq dik l-istqarrija. Hi sabet li dak li jirrizultalha mill-provi jindika htija tar-rikorrent u li l-fatti li wassluha ghal din il-konkluzjoni kienu jirrizultaw ukoll mill-istqarrija tar-rikorrent. Huwa car li anke minghajr l-istqarrija, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha bizzejjed provi fuq hiex issib il-htija tieghu.

Il-Qorti Kriminali ma qaghdetx biss fuq l-istqarrija li kien ghamel ir-rikorrent, izda ezaminat il-provi kollha u rat li kien hemm provi ohra li jorbtuh mar-reat in kwistjoni. Kwindi, f’dan il-kaz, is-sejba ta’ htija ma kinitx bazata unikament jew principalment fuq l-istqarrija li ghamel ir-rikorrent, izda fuq cirkostanzi ohra li waslu ghall-Qorti tqis bhala ppruvat l-involviment tieghu fir-reati li kien akkuzat bihom.

Dan kollu apparti dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz imsemmi ta’ ‘Il-Pulizija vs. Lombardi’ fis-sens illi:

“*Din il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m’ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res judicata. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta’ Cadder (ara para. [60] – [62]; [99] – [103]). “The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined” (**A v. The Governor of Arbour Hill Prison** [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36)*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent billi tichad l-istess, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu.

---------------------------------TMIEM---------------------------------